MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Illum 18 ta' Ġunju, 2018

Rikors Numru 745/17LM

**Aldo Zammit (K.I. 112674M)**

***vs.***

**Trebee Company Limited (C 45998)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fil-11 ta' Awwissu, 2017 mir-rikorrent **Aldo Zammit** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent"), li jgħid kif ġej:

*Illi fis-17 ta' Lulju, 2017, il-kumpannija intimata talbet u sussegwentement ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numerat 1060/2017 fl-ismijiet Trebee Company Limited vs. Joseph Gauci, Dennis Mark Gauci, Aldo Zammit u Brian Farrugia f'isimhom proprju u bħala soċji fid-ditta ta' accountants u udituri pubbliċi KSi Malta fl-ammont ta' tnejn u tmenin elf, mija u ħamsin euro u sitta u tletin ċenteżmu (€82,150.36) in kawtela ta' kreditu allegatament dovut lill-kumpannija*

*sekwestranti b'konsegwenza ta' xogħlijiet allegatament ipprovduti minnha lid-ditta ta' accountants u udituri pubbliċi KSi Malta. Kopja tal-mandat hija hawn annessa u mmarkata Dok.A.*[1]

*Illi kif jidher mill-okkju tal-mandat ta' sekwestru, il-kumpannija sekwestranti ippreżentat il-mandat ta' sekwestru mhux biss kontra d-ditta KSi Malta iżda wkoll kontra r-rikorrent personalment u bħala soċju tal-istess ditta KSi Malta, minkejja li ilu mhux soċju tal-istess ditta sa mis-6 ta' Diċembru 2016.*

*Illi fil-21 ta' Lulju, 2017, is-sekwestrati talbu u sussegwentement ottjenew il-ħruġ tal-kontromandat numerat 1079/2017 fir-rigward tas-suriferit mandat ta' sekwestru filwaqt li ippreżentaw kontestwalment ċedola numerata 1209/2017 permezz ta' liema ippreżentaw is-somma ta' €82,150.36 fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili sabiex ikun hemm garanzija oħra xierqa sabiex tissodisfa l-pretensjoni tas-sekwestrant a tenur tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk il-mandat ġie revokat. Kopja tal-kontromandat hija hawn annessa u mmarkata Dok. B.*

*Illi d-ditta KSi Malta hija partnership reġistrata skont il-Liġi bin-numru LPA-92 li għalhekk hija munita b'personalità ġuridika separata u distinta mis-soċji tagħha, kif jirriżulta miċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni li kopja tiegħu hija hawn annessa u mmarkata Dok.Ċ.*[2] *Jingħad li din l-informazzjoni kienet faċilment ottjenibbli mill-kumpannija sekwestranti qabel ma pproċediet bil-mandat in kwistjoni kontra l-esponent, stante li din hija informazzjoni pubblika.*

*Illi kif ġjà ingħad, l-esponent ilu* (recte) *li telaq minn soċju fil-partnership KSi Malta sa mis-6 ta' Diċembru, 2016; barra minn hekk, huwa qatt ma kien soċju li jerfa' r-responsabilità tad-djun tal-istess, kif jirriżulta mill-ewwel (1) artikolu tal-istatut tal-istess partnership li kopja tiegħu hija hawn annessa u mmarkata Dok. D, liema dokument ukoll kien faċilment ottjenibbli mill-kumpannija sekwestranti qabel ma pproċediet bil-mandat in kwistjoni kontra l-esponent.*

*Illi għalhekk jirriżulta li qatt ma eżistiet u sa llum ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-esponent personalment u l-kumpannija sekwestranti u għalhekk ma kien hemm l-ebda bażi fuq liema kellu jinħareġ il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni anke fil-konfront tal-esponent.*

*Illi jirriżulta ċarament li l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni intalab ukoll fil-konfront tal-esponent unikament sabiex jagħmel ħsara fil-konfront tiegħu kemm sabiex*

[1] *A fol.* 3.
[2] *A fol.* 13.

*taffetwalu l-likwidità tiegħu kif ukoll sabiex taffetwalu* (recte) *r-reputazzjoni professjonali u l-abilità tiegħu li jeżerċita l-professjoni tiegħu u għahekk din it-talba kienet waħda malizzjuża, frivola u vessatorja.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi, l-esponenti umilment jitlob* (recte) *lil din l-Onorabbli Qorti joġgħobha, a tenur tal-Artikolu 836(8)(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-kumpannija sekwestranti tħallas penali lill-esponent, u dan taħt kull provvediment ieħor li jkun neċessarju fiċ-ċirkostanzi.*

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Awwissu, 2017, fejn ordnat in-notifika tar-Rikors lill-kontroparti bi żmien għaxart (10) ijiem għar-risposta.

Rat ir-Risposta tas-soċjetà intimata **Trebee Company Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà intimata") li ġiet ippreżentata fid-29 ta' Awwissu, 2017, li biha ġie kkontestat:

*Illi t-talbiet atturi huma infondati u għandhom jiġu miċħuda għas-segwenti raġunijiet:*

*Illi fil-mandat ta' sekwestru ġie indikat l-okkju "Trebee vs. Joseph Gauci, Dennis Mark Gauci, Aldo Zammit u Brian Farrugia f'isimhom proprju u bħala soċji fid-ditta ta' accountants u udituri KSi Malta" proprju minħabba l-fatt li dan kien il-mod li l-istess soċji eżerċitaw id-drittijiet tagħhom fil-konfront tas-soċjetà esponenti fil-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-numru 947/2017 (Dok. A*[3]*), fil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju 946/2017 (Dok. B*[4]*) kif ukoll fir-Rikors Ġuramentat bin-numru 589/2017 (Dok. Ċ*[5]*).*

*Illi ladarba s-soċjetà KSi Malta hija munita b'personalità ġuridika skont kif indikat fir-rikors tal-attur, mela wieħed jistaqsi għala l-azzjonijiet fil-konfront tas-soċjetà attriċi ma ġewx intavolati f'isem KSi direttament minflok ġew involuti s-soċji personalment. L-attur jindika wkoll li hu m'għadux soċju tad-ditta KSi Malta, però xorta ġie indikat fl-okkju f'ismu personali kif ukoll bħala soċju.*
*Illi l-atturi dejjem ħadu azzjoni b'dan il-mod u ċjoè f'isimhom personali u bħala soċji tad-ditta KSi Malta kif wieħed anki jista' jara mill-Mandat ta' Sekwestru*

[3] *A fol.* 26 sa 31.
[4] *A fol.* 32 sa 35.
[5] *A fol.* 36 sa 38.

*kawtelatorju bin-numru 818/2016 (Dok. D*[6]*), mitlub minnhom fil-konfront tas-soċjetà esponenti.*

*Illi għaldaqstant ir-relazzjoni ġuridika mas-soċjetà esponenti ġiet ikkreata mill-attur stess meta għażel li jipproċedi bil-mod hawn fuq imsemmi kontra s-soċjetà esponenti u s-soċjetà esponenti ma tistax tiġi ppenalizzata talli ħadet azzjoni fil-konfront ta' dawk li pproċedew kontra tagħha, ladarba saret kontrotalba.*

*Illi s-soċjetà esponenti ma tistax tiġi mitluba li tħallas danni talli eżerċitat id-drittijiet tagħha skont il-liġi billi titlob il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru. L-għan tas-soċjetà esponenti kien* (recte) *illi d-drittijiet tagħha hekk kif mitluba fil-kontrotalba intavolata mill-istess soċjetà esponenti fir-rikors bin-numru 589/2017, liema azzjoni għadha pendenti, u hemm l-attur bħala parti kemm f'ismu personali kif ukoll bħala soċju fis-soċjetà KSi Malta u għalhekk dan il-mandat bl-ebda mod ma huwa malizzjuż, frivolu jew vessatorju.*

*Illi inoltre, il-mandat kawtelatorju ġie rimoss fi ftit ġranet minn wara li sar il-mandat fil-konfront tal-attur, permezz tal-Kontromandat bin-numru ta' referenza 1079/2017 (Dok. E*[7]*), u għaldaqstant wieħed ma jistax jgħid illi l-attur sofra xi inkonvenjent jew dannu li għalihom għandu jitħallas ta' penali mingħand is-soċjetà esponenti, li fl-aħħar mill-aħħar kienet sempliċement qed teżerċita d-drittijiet tagħha.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talbiet atturi għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-attur.*

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Mejju, 2018 fejn ir-rikors tħalla għall-udjenza tal-lum għal provvediment.

---

[6] *A fol.* 39 sa 42.
[7] *A fol.* 49 sa 52.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Dak li għandha quddiemha din il-Qorti hija talba tar-rikorrent sabiex tiġi imposta penali fuq is-soċjetà intimata *ai termini* tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 stante li huwa jsostni li t-talba tas-soċjetà intimata għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru numru 1060/2017 kontra r-rikorrent f'ismu proprju allegatament saret b'malizzja u kienet frivola u vessatorja. Skont ir-rikorrent il-mandat sar biss bl-iskop li tiġi affettwata l-likwidità u r-reputazzjoni professjonali tiegħu u dan stante li d-dejn allegat mis-soċjetà intimata (kreditu allegatament dovut lis-soċjetà intimata b'konsegwenza ta' xogħlijiet allegatament ipprovduti minnha lid-ditta KSi Malta) kien dovut mhux mir-rikorrent f'ismu proprju, imma *semmai* kien dovut mid-ditta reġistrata KSi Malta minn fejn ir-rikorrent kien spiċċa minn soċju fis-6 ta' Diċembru, 2016. Fi kwalunkwe każ skont l-istatut ta' KSi Malta, liema statut huwa aċċessibbli għall-pubbliku, l-imsemmija ditta reġistrata għandha personalità ġuridika separata u distinta minn tas-soċji tagħha u għalhekk ma kien hemm ebda relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrent u s-soċjetà intimata. Is-soċjetà intimata filwaqt li ma tikkontestax li d-dejn kien *semmai* tad-ditta KSi Malta, tikkontendi li kien l-istess rikorrent kemm f'ismu propju u kemm bħala soċju flimkien ma' soċji oħrajn tad-ditta KSi Malta, li kienu aġġixxew kontra s-soċjetà intimata kemm permezz ta' diversi mandati kif ukoll permezz tar-Rikors Maħluf Nru 589/2017LM. Is-soċjetà intimata ppreżentat kontrotalba fl-atti tal-imsemmi Rikors Maħluf kontra l-istess atturi rikonvenzjonati, fosthom ir-rikorrent odjern f'ismu proprju u għalhekk inħolqot r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet preżenti. Is-soċjetà intimata tirrileva wkoll li l-mandat ta' sekwestru 1060/2017 inkwistjoni, kien fis-seħħ biss għal ftit ġranet sakemm inħareġ il-

kontromandat u għalhekk ma jistax jingħad illi r-rikorrenti sofra xi preġudizzju jew danni.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Filwaqt li s-soċjetà intimata straħet fuq id-dokumentazzjoni ppreżentata mar-risposta tagħha, ir-rikorrent, apparti d-dokumentazzjoni ppreżentata mar-rikors promotur, ta d-depożizzjoni tiegħu[8] fejn qal li ilu disa' snin jaħdem bħala *accountant* u awditur ma' KSi Malta, li hija mmexxija minn Joseph Gauci. Ir-rikorrent jgħid li huwa impjegat ma' KSi bħala *salaried partner*, li huwa titolu ieħor flok *manager*, u jgħid li għandu paga fissa u ma jipparteċipax fil-profitti tad-ditta fl-aħħar tas-sena. Ir-rikorrent jispjega li KSi Malta hi *partnership* u t-tmexxija tad-ditta hija kompletament f'idejn Joseph Gauci li huwa l-proprjetarju tad-ditta. Qal li bil-mandat ta' sekwestru inkwistjoni ġew ibblokkjati l-kontijiet bankarji tiegħu u l-kontijiet *joint* li għandu mal-mara u spiċċa bla flus u litteralment ma kellux biex jgħix u kellu jissellef sakemm Joseph Gauci ddepożita xi flus il-Qorti u ġew *released* il-flus tiegħu. Imma hu u l-familja tiegħu għamlu tliet ġimgħat mingħajr fondi. Ir-rikorrent jgħid li kellu miljun Euro ibblokkjat mal-banek, tmenin elf Euro fuq kull kont li kellu. Ir-rikorrent jgħid li għalkemm kellu t-titolu ta' *salaried partner*, huwa ma kellu ebda *say* fid-ditta. Qal ukoll li hu ma kienx firmatarju tal-ftehim tas-6 ta' Diċembru, 2016.[9]

[8] *A fol.* 59 sa 63.
[9] *A fol.* 14 sa 22.

Klawsola 7 tal-ftehim tas-6 ta' Diċembru, 2016[10] tgħid hekk:

> *"7.1. The managing partner shall be fully and unlimitedly liable for any and all liabilities of the Partnership. The Salaried* (recte) *Partners shall not in any way be liable for any liabilities of the Partnership and shall not be deemed to be jointly and severally liable with the Managing Partner for any of the liabilities of the Partnership."*[11]

Ir-rikorrent esebixxa wkoll b'nota, ittra mibgħuta lilu mill-bank HSBC Bank Malta p.l.c. datata 20 ta' Lulju, 2017[12] fejn ġie infurmat li l-bank kien obbligat li jeżegwixxi l-mandat u jiddepożita l-flus il-Qorti u li *"this could affect the availability of funds and banking services in regard to persons against whom a garnishee order has been filed".* Ir-rikorrent esebixxa ittra oħra bl-istess data[13] fejn il-bank HSBC Bank Malta p.l.c. avżah biex jieqaf jagħmel użu mill-*Visa Card* u *Premier Card* li kellu mal-istess bank sakemm il-mandat ta' sekwestru jibqa' effettiv. Ir-rikorrent esebixxa wkoll l-istatut inizjali tad-ditta reġistrata KSi Malta[14] minn fejn jirriżulta li Brian Farrugia, Dennis Mark Gauci, Aldo Zammit u Joseph Gauci kienu iffurmaw *partnership* professjonali, fejn fi klawsola 5 ġie stipulat li din il-*firm* hi proprjetà 100% ta' Joseph Gauci u l-avvjament, l-attiv, id-djun, u l-profitti u t-telf tad-ditta kienu 100% ta' Joseph Gauci. Fi klawsola 6 kien ġie stipulat:

> *"Only Joseph Gauci shall be liable for the liabilities of the Partnership and the representation of the Partnership shall vest solely in Joseph Gauci. Other partners are solely salaried partners, where they are only entitled to a salary and are not involved in decision-making or any rights over the firm's assets or obligations towards liabilities."*

---

[10] *A fol.* 13 sa 20.
[11] Skont klawsola 1 tal-imsemmi ftehim (id-*definition clause*), Joseph Gauci huwa l-*Managing Partner* u Bernard Charles Gauci u Dennis Mark Gauci huma s-*Salaried Partners*.
[12] *A fol.* 67.
[13] *A fol.* 65.
[14] *A fol.* 68 sa 74.

Fi klawsola 7(iii) kien ġie speċifikat ukoll li *"all assets of the firm are owned personally by the managing director, Joseph Gauci"* u fi klawsola 7 (iv) ġie stipulat illi *"all liabilities of the Partnership are to be borne by the Managing Director, Joseph Gauci."*

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Tqis fl-ewwel lok li r-rikorrent qiegħed jitlob li tiġi imposta penali fuq is-soċjetà intimata *ai termini* tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12*,* li jgħid:

> "(8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:
>
> (a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;
>
> (b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:
>
> Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;
>
> (ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;

> (d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja."

Ir-rikorrent odjern qiegħed jitlob li tiġi imposta penali fuq is-soċjetà intimata abbażi speċifikatament tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12. Qabelxejn għandu jiġi speċifikat li r-rikorrent illimita t-talba tiegħu għall-impożizzjoni ta' penali u mhux qiegħed jitlob ukoll il-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnu *ai termini* tal-artikolu 836(9) tal-Kap. 12. Għaldaqstant is-sottomissjoni tas-soċjetà intimata li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1060/2017 tneħħa ftit ġranet wara li sar permezz tal-kontromandat bin-numru ta' referenza 1079/2017 (Dok. E), u li għaldaqstant wieħed ma jistax jgħid illi l-attur sofra xi inkonvenjent jew dannu li għalihom għandha titħallas penali mis-soċjetà intimata, ma treġġix għax fil-proċeduri odjerni mhumiex qegħdin jintalbu d-danni sofferti mir-rikorrent *ai termini* tal-artikolu 836(9), iżda l-impożizzjoni ta' penali irrispettivament mid-danni. L-aktar li jista' jingħad mis-soċjetà intimata fiċ-ċirkostanzi huwa li jekk f'dawn il-proċeduri effettivament jiġi deċiż li għandha tiġi imposta penali fuq is-soċjetà intimata, *semmai* għandu jiġi impost il-minimu previst mil-liġi bħala penali.

Illi għar-rigward tal-impożizzjoni tal-penali *ai termini* tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, fil-ġurisprudenza tal-Qrati ta' pajjiżna jingħad:

> "... din l-Qorti tagħraf illi din hija sanzjoni fakoltattiva, imħollija fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera għas-sodisfazzjoni tagħha, li seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi għall-impożizzjoni tal-istess sanzjoni, u ċioè is-subinċiżi (a) sa (d), tal-artikolu 836(8) tal-Kap.12. Il-Qorti hija tenuta li timponi dawn il-penali fejn jirriżultaw l-estremi tal-liġi fuq indikati. Dan huwa artikolu ta' ordni pubblika bl-iskop li jiġi assikurat is-serjetà tal-proċess ġudizzjarju u sabiex l-istitut ta' mandati kawtelatorji ma jiġix użat abbusivament – *vide* sentenżi fl-ismijiet

**Carmel Farrugia u martu Lucija Farrugia *vs.* Charmaine Farrugia f'isimha proprju u f'isem binha minuri Francesco** deċiża fit-2 t'Awwissu, 2012 *per* Onor. Imħallef Dr. J.R. Micallef, **Cole Foods Limited *vs.* Euro Imports Limited** deċiża fit-13 ta' Marzu, 2003, per Onor. Imħallef Dr. T. Mallia u **Joseph Rapa *vs.* Raymond Sammut** Appell Ċivili deċiża fit-13 ta' Marzu, 2001.

Infatti skond l-insenjament tal-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tabone *vs.* Capece Construction Limited (C-52626**), fl-14 ta' Awwissu, 2013 u b'referenza għall-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 dik il-Qorti rriteniet:

"Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva ll-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mill-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mill-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw, l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż."[15]

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Avv. Ann Fenech *noe vs.* Il-Bastiment MY Whispering Angel**[16] ingħad:

"Illi fil-każ odjern il-Qorti, wara li eżaminat l-erba' ċirkostanzi indikati f'Artikolu 836(8)(a) sa (d) tal-Kapitolu 12, tagħraf li s-soċjetà GMW55 esekutat ma ppruvatx, u li din il-Qorti ma jirriżultalhiex, iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali jew għal garanzija xierqa minħabba l-ħruġ

[15] Provvediment datat 12.02.2015, P.A., fl-atti tal-kawża numru 1137/13JPG fl-ismijiet **Cassar Fuel Ltd *vs.* Il-Bastiment bl-isem MV K Dadayli** wara l-ħruġ tal-mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-baħar 'il fuq minn għaxar metri (kawtelatorju) numru 1796/2013 JM. Ara ukoll f'dan is-sens il-provvediment mogħti fl-10.08.2012 fl-atti tar-rikors maħluf numru 164/12 fl-ismijiet **Jamar Malta Limited *vs.* Office Group Limited** u l-provvediment datat 22.10.2015 fl-atti ta's-sekwestru kawtelatoju 966/2015AE fl-ismijiet **George Cassar *pro et noe et vs.* Emmanuel Falzon *et*.**

[16] P.A., 05.06.2015, fl-atti tal-Mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar numru 690/15.

tal-mandat. Irid jingħad ukoll illi l-*buona fede* hija preżunta u l-ħażen irid jiġi ppruvat – *vide* **Miller Blacker** ***pro. et noe. vs.*** **Howard** - Kollezz . Vol. XXIV, Pt. I, pġ. 554."

Wara kollox dan ir-raġunament huwa bbażat fuq l-insenjament ġurisprudenzjali li l-Qorti trid tiddeċiedi skont il-liġi u abbażi tal-provi li jitressqu quddiemha. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, li min jallega jrid jipprova, ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12, ir-rikorrent odjern kellu jipprova li t-talba tas-soċjetà intimata għall-ħruġ tal-mandat inkwistjoni kontra tiegħu personalment saret b'malizja jew li kienet frivola u vessatorja. Il-prova li ġab ir-rikorrent kienet fis-sens li s-soċjetà intimata setgħet faċilment tivverifika mar-Reġistratur għal Persuni li d-ditta KSi Malta, kemm meta ġiet ikkostitwita fil-21 ta' Mejju, 2014 u kemm meta bidlet l-istatut tagħha fis-6 ta' Diċembru, 2016, li apparti d-ditta nnifisha, l-uniku soċju tagħha li kien responsabbli għad-dejn tagħha, kien proprju Joseph Gauci, il-*managing partner.* Iżda għal xi raġuni fir-rigward tal-*claim* li kellha d-ditta KSi Malta kontra s-soċjetà intimata odjerna, ma ġiex segwit l-istatut tad-ditta, fis-sens li l-kawża Rikors Maħluf Nru 589/2017LM ma saritx biss minn Joseph Gauci in rappreżentanza tad-ditta KSi Malta, imma saret ukoll minn Joseph Gauci, Dennis Mark Gauci, Aldo Zammit u Brian Farrugia f'isimhom proprju u bħala soċji fid-ditta ta' Accountants u Udituri KSi Malta. Dan ċertament kien fattur li żgwida lis-soċjetà intimata fis-sens li meta hija ġiet biex tippreżenta l-kontrotalba tagħha, din ma kellha ebda għażla oħra ħlief li tippreżentaha fl-atti tal-kawża Rikors Maħluf Nru 589/17LM li ġiet istitwita mir-rikorrent odjern u s-soċji l-oħrajn f'isimhom proprju u bħala soċji tad-ditta KSi Malta. Anki l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju nru 1060/2017, li ġie ppreżentat mis-soċjetà intimata biex tikkawtela l-imsemmija kontratalba

tagħha li saret fl-atti tal-kawża 589/17LM, kellu jsir kontra l-atturi rikonvenzjonati f'dik il-kawża.

Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo *et vs.* Jason Azzopardi *et***[17] fejn intqal:

> "Biex jiġi stabbilit jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittriċi tal-parti l-oħra, l-Qorti trid bilfors tivverifika *prima facie* jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.
>
> Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi li l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.
>
> Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konkluzzjoni li l-konvenut - dikjarat *prima facie* leġittimu kontradittur- kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estranju għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata".

---

[17] Q.A., 5.10.2001.

Illi filwaqt li fil-kawża proprja u fir-relattiva kontrotalba, il-Qorti ser tidħol fil-fond tal-kwistjoni bejn min mill-partijiet kien hemm relazzjoni ġuridika, f'dawn il-proċeduri però ser tieqaf biss sal-istadju jekk is-soċjetà intimata kinitx ġustifikata li tirrispondi lill-istess persuni li kienu fetħu l-kawża kontriha u li tindirizza kontra l-istess persuni l-kontrotalba tagħha u kull mandat kawtelatorju relattiv. Il-Qorti tqis illi s-soċjetà intimata kienet altru milli ġustifikata li tagħmel dan u ċertament it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju inkwistjoni ma saritx b'malizzja jew b'mod frivolu jew vessatorju. Il-Qorti tqis illi kien hemm raġuni valida għaliex is-soċjetà intimata għamlet it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra wkoll ir-rikorrent f'ismu proprju u għaldaqstant f'dawn iċ-ċirkostanzi tqis illi m'għandha tiġi imposta ebda penali *ai termini* tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija l-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrent sabiex is-soċjetà intimata tiġi ordnata tħallas penali lir-rikorrent a tenur tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12.**

**Bl-ispejjeż ta' dan il-proċediment kontra r-rikorrent.**

Moqrija.